REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 402/2014

tat-22 ta' April 2014

dwar il-ħruġ ta' liċenzji tal-importazzjoni u l-allokazzjoni tad-drittijiet tal-importazzjoni għall-applikazzjonijiet imressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' April 2014 taħt il-kwoti tariffarji miftuħa permezz tar-Regolament (KE) Nru 616/2007 għal-laħam tat-tjur

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 188 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jistabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni ta' kwoti ta' tariffi fuq l-importazzjoni għal prodotti agrikoli ġestiti b'sistema ta' liċenzji ta' importazzjoni [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 616/2007 [3] fetaħ kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam tat-tjur li joriġinaw mill-Brażil, mit-Tajlandja u minn pajjiżi terzi oħrajn.

(2) L-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' April 2014 għall-Gruppi Nri 1, 2, 4A, 6A, 7 u 8 għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru u, għall-Gruppi Nri 3, 4B u 6B għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015 jirrelataw, għal ċerti kwoti, ma' kwantitajiet li jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi deċiż sa liema punt jistgħu jinħarġu l-liċenzji tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu iiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba.

(3) L-applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni mressqa matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' April 2014 għall-Grupp Nru 5A għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2014 jirrelataw ma' kwantitajiet li jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Għaldaqstant, jeħtieġ li jiġi deċiż sa liema punt jistgħu jiġu allokati d-drittijiet tal-importazzjoni, billi jiġi stabbilit il-koeffiċjent tal-allokazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Il-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2014 għall-Gruppi Nri 1, 2, 4A, 6A, 7 u 8, u, għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2014 sat-30 ta' Ġunju 2015 għall-Gruppi Nri 3, 4B u 6B, għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjenti tal-allokazzjoni stipulati fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

2. Il-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet għad-drittijiet tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 616/2007 għas-subperjodu mill-1 ta' Lulju sat-30 ta' Settembru 2014 għall-Gruppi Nru 5A, għandhom jiġu mmultiplikati bil-koeffiċjent tal-allokazzjoni stipulat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

[1] ĠU L 347, 20.12.2013, p. 671.
[2] ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.
[3] ĠU L 142, 5.6.2007, p. 3.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-23 ta' April 2014.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' April 2014.

Għall-Kummissjoni,

F'isem il-President,

Jerzy PLEWA

Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali

ANNESS

Nru tal-grupp	Nru tal-ordni	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin għas-subperjodu mill-1.7.2014 sat-30.9.2014 (%)
1	09.4211	0,41894
2	09.4212	53,376701
4A	09.4214	0,56052
	09.4251	1,006036
	09.4252	77,541947
6A	09.4216	0,475923
	09.4260	1,091703

Grupp Nru	Ordni Nru	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għall-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin għall-perjodu mill-1.7.2014 sat-30.6.2015 (%)
6B	09.4263	0,057372

Grupp Nru	Ordni Nru	Koeffiċjent tal-allokazzjoni għad-drittijiet tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-importazzjoni mressqin għall-perjodu mill-1.7.2014 sat-30.9.2014 (%)
5A	09.4215	0,637375
	09.4254	0,903342
	09.4255	3,424657
	09.4256	77,735124